

# Il-Festa ta' San Leonardu fl-Imgħoddi u l-Preżent

minn Leonard Agius

Meta noqgħod nirrifletti kif kienet issir il-festa ta' San Leonardu fi ċkuniti nħoss li f'ħafna affarijiet sar tibdil kbir. Nixtieq infakkar li l-festa kienet issir fis-6 ta' Novembru jew l-ewwel Ħadd fuq is-6 ta' Novembru.

Il-ġenituri tagħna u aħna, ta' tfal li konna, konna nkunu ħerqana għal din il-ġurnata. F'dawk iż-żminijiet il-membri tal-familja kollha kienu jippreparaw xi tibdila jew żarbun biex iżanżnuh għall-festa. L-irġiel li kienu jilbsu ta' fratelli, li dak iż-żmien kienu jkunu numerużi ħafna, kienu jieħdu ħsieb biex jillamtaw il-konfratija. Dawn kienu jillamtawhom għand is-Sorijiet tal-Qalb ta' Ġesù ż-Żurrieq jew għand waħda mara li kienet toqgħod ftit 'il fuq minn dik in-niċċa tal-kurċifiss li għadha wieqfa sal-lum ġewwa Ħal Għaxaq. L-irġiel li ma kinux jieħdu sehem fil-purċissjoni kienu jżanżnu xi sidrija jew qorq (sandli) ġdid. Dawn kienu jkunu dawk li ma jilbsux żarbun peress li f'dawk iż-żminijiet ħafna familji kienu bdiewa allura fqar, ftit kienu dawk li jaħdmu mal-Gvern, it-Tarzna jew il-barriera.



## Id-Devozzjoni

L-iktar ħaġa li kienet tolqotni ta' tifel li kont kienet id-devozzjoni kbira li kellhom il-ġenituri tagħna lejn San Leonardu. Kienu jattendu għall-funzjonijiet kollha li kienu jsiru fil-knisja. Minn dawn iċ-ċelebrazzjonijiet kienu tgħallmu sewwa l-ħajja ta' San Leonardu. Nhar il-festa għall-quddiesa tal-paneġierku l-knisja kien ikun fiha għaxqa b'dawk in-nies iħarsu lejn il-pulptu attenti lejn il-predikatur li dejjem kien ikun xi monsinjur tal-Katidral, li ħafna drabi l-bidu tal-priedka tiegħu kienet tkun bil-Latin u wara jispjega bil-Malti.

Kienet użanza li għal din il-quddiesa n-nisa jilbsu d-deheb kollu li jkollhom u l-irġiel kienu jilbsu dik il-polka tal-fidda bl-arloġġ tal-but imdendel mas-sidrija, u l-kappell. Kien ikun mument kommoventi meta fi tmiem il-quddiesa kulħadd kien ikun kuntent biex jisma' l-antifona ta' San Leonardu, b'dak il-ferħ jisma' dak il-kliem *Leonarde Leonarde* ta' Mro. Vincenzo Bugeja li kien *Maestro de Cappelli* tal-parroċċa. Kienet użanza li xi nisa jlibbsu lit-tfal subien tagħhom b'dik it-tunika bħal ta' San Leonardu

bħala ringrazzjament ta' ħlas tajjeb li kien ikollhom wara twelid ta' xi tarbija. Ta' min jgħid li San Leonardu hu protettur ta' dawk li jkunu jistennew twelid ta' tarbija.

## Il-Purċissjoni

Filgħaxija kienet toħroġ il-purċissjoni. Mit-tieqa ta' fuq il-bieb tal-knisja kienet tintefa' xita ta' karti rqaq u sunetti u dawn kienu jagħmlu atmosfera sabiħa. Minn fuq il-każin li kien faċċata tal-knisja kienet tiġi sparata musketterija u xi murtali tal-bomba. F'dawk iż-żminijiet ma kinux użanza l-kaxxi infernali. Kien jitkanta l-innu *Bħala Warda* li kien popolari. Dak li kien armar għal barra kien ikun hemm kolonni ta' l-injam b'gastri fejn kien ikollhom il-pilandra bid-dawl, jien ma niftakarx però fl-antik kienu jinxtegħlu bl-aċetalena. Kien hemm kolonni oħrajn bi trofej. Fid-dħul tal-purċissjoni kienu jinħarqu xi murtali tal-kulur li kienu jagħlqu l-festa ta' San Leonardu.



*Kif kien jinħadem il-porvli għall-festa ta' San Leonardu fis-sena 1960. F'dan ir-ritratt jidhru: Joseph Spiteri, Leonard Abdilla, David Falzon, Karmenu Farrugia, iż-żgħir Leonard Falzon (Nardinu ta' Ċoqq).*

Kemm għandna nkunu kburin u nirringrazzjaw lil Alla u lil San Leonardu meta għaddew dawn is-snin kollha, ta' dak kollu li b'sagrifiċċju kbir bdew missirijietna aħna komplejna kabbarnieh, nibqgħu nimitawhom ukoll fid-devozzjoni kbira li kellhom lejn il-missier u Patrun Titulari tal-Koppin kollha, **San Leonardu**.